**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 121/13VG**

**XXX**

**Vs**

**Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)**

**Illum 17 ta' Ottubru 2017**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat mill-XXX ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà estera XXX fil-11 ta' Gunju 2013 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka d-decizjonijiet tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) sa' fejn dawn jirrigwardaw l-imghax u minflok jordna lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jirrifondi lilha fil-kwalità taghha premessa s-somma ta' €934,027 jew parti minnha rapprezentanti l-imghax, flimkien ma' l-imghax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament; bl-ispejjez kontra d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud);

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" sa' Dok. "E" a fol. 11 sa' 22 tal-process;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) permezz ta' liema jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrenti nomine u jitlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghha, stante li huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) markati Dok. "A" sa' Dok. "G" a fol. 29 sa' 40 tal-process;

Ra l-atti ta' l-appell fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" deciz mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Frar 2012 u l-atti ta' l-appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-ismijiet

"XXX noe v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" deciz fl-20 ta' Jannar 2011;

Ra l-affidavit ta' Christopher J. Naudi u d-dokumenti annessi mieghu esebiti mir-Rikorrenti noe permezz ta' Nota pprezentata fis-17 ta' Frar 2014 a fol. 55 sa' 59 tal-process u ra l-affidavit ta' Wim De Clercq u d-dokumenti annessi mieghu esebiti mir-Rikorrenti noe permezz ta' Nota pprezentata fl-1 ta' Dicembru 2014 a fol. 85 sa' 112 tal-process, sema' x-xhieda ta' Albert Galea in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Frar 2013[1] u x-xhieda ta' Charles Vella, Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) moghtija waqt is-seduti ta' l-14 ta' Lulju 2014[2] u ta' l-1 ta' Settembru 2014[3], sema' x-xhieda ta' Frank Borg, Director Technical fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mijzud, moghtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Settembru 2014[4];

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti noe pprezentata fil-11 ta' Mejju 2015 a fol. 114 sa' 129 tal-process u ra n-Nota Responsiva tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ipprezentata fl-20 ta' Lulju 2015 a fol. 135 sa' 145 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali verbali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti noe tikkontesta decizjonijiet tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), illum Kummissarju tat-Taxxi, komunikati lilha b'Risposta Ufficjali datata 11 ta' April 2012[5], fejn inizjalment irrifjuta li jirrifondi s-somma globali ta' €935,935.70 rapprezentanti penali amministrattivi w imghax imhallsa minnha, u b'ittra datata 26 ta' Dicembru 2012[6], fejn filwaqt li naqqas is-somma ta' €1,210 rapprezentanti *late return penalties* u s-somma ta' €698.70 rapprezentanti *late registration penalty* ghal penali amministrattiva nominali ta' €20, irrifjuta li jnaqqas is-somma ta' €934,027 rapprezentanti imghax dovut minhabba hlas tardiv tat-taxxa fuq il-valur mizjud.

Bhala fatt l-kontestazzjoni principali tar-Rikorrenti noe hija vis-à-vis id-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) li jirrifjuta li jirrifondi l-imghax fl-ammont ta' €934,027 minnha mhallas *under protest*.

[1] Fol. 60 sa' 64 tal-process.
[2] Fol. 66 sa' 69 tal-process.
[3] Fol. 71 sa' 79 tal-process.
[4] Fol. 80 sa' 82 tal-process.
[5] Dok. "C" a fol. 19 tal-process.
[6] Dok. "E" a fol. 21 u 22 tal-process.

Ir-Rikorrenti noe tikkontendi li dan l-ammont jew ghall-inqas parti minnu ghandu jigi rifuz lilha mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) stante li: (i) ghalkemm it-taxxa fuq il-valur mizjud fuq uhud mill-provvisti ta' *fuel* maghmula lill-Enemalta mis-socjetà XXX thallset tardivament, dan ma sehhx minhabba *mala fede* da parte ta' l-imsemmija socjetà izda minhabba l-komplessità tal-kaz, rezistenza da parte ta' l-Enemalta f'li taccetta li fuq dawk il-provvisti kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud u minhabba nuqqas ta' direzzjoni da parte tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, meta din giet mitluba lilu. Fis-sustanza r-Rikorrenti noe tikkontendi li *dawn il-fatti jikkonfermaw illi r-rikorrent ma kellhiex intenzjoni li tevadi xi taxxa, anzi, ippruvat tirranga s-sitwazzjoni taghha, u dan anke wara illi baghtet e-mail lid-Dipartiment tat-TFVM fl-2007 biex titlob direzzjoni fuq din il-kwistjoni, u baqghet minghajr twegiba. Allura, ma jistax jinghad illi r-rikorrenti kienet negligenti fl-ghemil taghha, anzi, huwa l-istess Dipartiment tat-TFVM illi naqas meta baqa' ma rrispondiex l-email minghand ir-rikorrenti nomine*[7]; (ii) a bazi tad-decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "XXX noe v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" Appell Nru. 47/11 deciza fl-24 ta' Frar 2012, fejn *inter alia* gie osservat illi *d-diskrezzjoni, fuq kollox, trid tigi ezercitata ragjonevolment, li ma jidhirx li gie hekk ezercitat f'dan il-kaz. Is-socjetà estera ghamlet zball, però, ma aggixxietx in mala fede, u stante c-cirkostanzi li si tratta minn socjetà estera li kienet qed tinnegozja ma' entità ikkontrollata mill-Gvern, li l-materja dwar hlas o meno tal-VAT fil-kaz in ezami hija wahda kumplessa, u li d-dipartiment innifsu gie mitlub direzzjoni u ma tahx, din il-Qorti jidhrilha li l-Kummissarju kellu, ragjonevolment juza d-diskrezzjoni tieghu u ma jinsistix fuq it-teknikalità tal-kaz b'mod daqshekk rigidu*, id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghandu l-obbligu li jahfer u jirrifondi l-imghax lis-socjetà XXX stante li *id-decizjoni li ma jahfirx jew itaffix l-imghax minhabba 'a technical infringement' ma kienitx wahda ragonevoli u proporzjonata u tmur kontra l-principji enuncjati fl-istess sentenza tal-Qorti Ewropeja tal-Gustizzja* – ossia "Commission of the European Communities v. Hellenic Republic"[8]; (iii) minn korrispondenza indirizzata lilha mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) irrizulta li in verità lanqas biss kellha tigi mhallsa taxxa fuq il-valur mizjud fuq il-*fuel* minnha provdut lill-Enemalta u dana billi d-Direttur Generali kien qed iqis provvisti li jaqghu taht *excise duty suspension regime* bl-istess mod bhal prodotti taht *customs duty suspension regime* fejn it-taxxa tithallas biss meta l-prodotti in kwistjoni johorgu minn tali regime; (iv) imghax jithallas bhala kumpens minhabba rizultat ta' dannu ekonomiku. Ladarba d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ma sofriex dannu ekonomiku, wisq inqas fl-ammont ta' €934,024, huwa ma ghandu l-ebda dritt jesigi li jithallas u bhala fatt jithallas tali ammont; u (v) *dato ma non concesso* li d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ma ghandux diskrezzjoni jahfer l-imghax, ma ghandux ikun hemm dubju li dan it-Tribunal ghandu tali diskrezzjoni, hekk kif

[7] Para. 3.1.2 tar-Rikors promotur, fol. 5 tal-process.
[8] Para. 3.1.3 tar-Rikors promotur, fol. 5 u 6 tal-process.

jirrizulta mid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "AB Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" deciza fit-23 ta' Gunju 2004.

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi ghall-affermazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tar-Rikorrenti noe stante li: (i) in bazi ghal dak lilu ordnat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "XXX noe v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", huwa kkonsidra mill-gdid it-talba li saritlu mir-Rikorrenti noe ghall-mahfra tal-penali amministrattivi w imghax imposti fuq is-socjetà XXX u wara li ezamina l-kaz bir-reqqa, fid-diskrezzjoni tieghu hafer il-penali amministrattivi però kkonferma l-imghax; (ii) id-dekorriment ta' l-imghax ma jiddependix mill-*mala fede* jew *bona fede* ta' dak li jkun izda jiskatta ai termini ta' dak provdut fl-Artikolu 21(4) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta. Minkejja dak osservat u kkunsidrat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza imsemmija, id-diskrezzjoni da parte tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) trid tigi ezercitata fis-Saltna tad-Dritt u lanqas il-Qorti ma ndahlet b'kemm ghandu jonqos l-ammont imhallas mis-socjetà XXX izda halliet kompletament f'idejn id-Direttur. Ghalkemm huwa seta' jezercita d-diskrezzjoni tieghu, huwa xorta obbligat li jezercita tali diskrezzjoni entro l-parametri tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta li ma jippermettilux jahfer l-imghaxijiet dovuti; (iii) kienet is-socjetà XXX li naqset fir-rigward ta' l-obbligi imposti fuqha mill-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u kuntrarjament ghal dak minnha pretiz, huwa kien iltaqa' ma' l-imsemmija socjetà; (iv) l-imghax impost ai termini ta' l-Artikolu 21(4) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ma jkoprix funzjoni kompensatorja izda jkopri l-funzjoni ta' deterrent, ossia li ma tithallasx it-taxxa dovuta tardivament, sabiex jevita li jkun hemm kaos socjali u civiku u biex ma jkunx hemm riperkussjonijiet fuq l-ekonomija Maltija. L-imghax in kwistjoni ma giex impost b'mod awtomatiku izda ghaliex kienet is-socjetà XXX stess li hallset it-taxxa fuq il-valur mizjud dovuta tardivament; (v) il-principji civili li ghalihom ghamlet referenza r-Rikorrenti noe mhux applikabbli ghall-kaz in ezami stante li hawn si tratta ta' ligi fiskali li hija ligi specjali li dahlet fis-sehh ferm wara l-promulgazzjoni tal-Kodici Civili; u (vi) id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ma ghandu l-ebda obbligu li jahfer jew inaqqas proporzjonalment l-imghax ghaliex kieku kien hekk l-operat tieghu kien ikun wiehed mekkaniku.

Il-fatti li taw lok ghall-vertenza odjerna huma s-segwenti:

- Is-socjetà XXX hija kumpannija li tikkummercja f'*oil products*. Fost il-klijenti taghha hemm l-Enemalta ma' min dahlet f'arrangament kummercjali ghall-provvista ta' JET A-1 *fuel* in forza ta' ftehim iffirmat fl-ahhar ta' Settembru 2006;
- In-negozju pertinenti ghall-kaz in ezami huwa l-provvista ta' dan it-tip ta' *fuel* lill-Enemalta bejn Ottubru 2006 u Lulju 2008;
- Is-socjetà XXX qatt ma gabret taxxa fuq il-valur mizjud minghand l-Enemalta ghall-provvisti maghmula lilha ghaliex l-Enemalta stess

infurmatha li tali provvista kienet provvista ezenti ghall-finijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

- Ghall-habta ta' Marzu 2009 il-konsulenti finanzjarji tas-socjetà XXX infurmawha li kuntrarjament ghal dak minnha originarjament mahsub, uhud mill-provvisti taghha lill-Enemalta kienu fil-fatt suggetti ghall-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud;
- Is-socjetà XXX infurmat b'dan lill-Enemalta u gharrfitha li sitt fatturi partikolari, ossia l-fatturi b'*tax point date* 05.03.07, 03.04.07, 02.07.07, 02.08.07, 03.09.07, 04.04.08, 03.06.08 u 04.07.08 – li kienu l-fatturi suggetti ghall-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud – kienu se jigu kkancellati permezz ta' *credit notes* u sostitwiti b'fatturi godda li jinkludu fihom it-taxxa fuq il-valur mizjud bir-rata ta' 18%;
- L-Enemalta ghall-ewwel irrezistiet din il-proposta tas-socjetà XXX ghaliex skontha l-provvista ta' *fuel* lilha kienet ezenti ghall-finijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;
- Wara hafna diskussjonijiet intlahaq ftehim fejn l-Enemalta cediet a favur is-socjetà XXX il-kreditu taghha versu d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bil-konsegwenza li sehhet tpacija bejn it-taxxa dovuta mis-socjetà XXX lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u il-kreditu ta' l-Enemalta versu d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;
- Hekk kif intalhaq tali ftehim is-socjetà XXX issottomettiet id-denunzji tat-taxxa ghall-perijodi ta' taxxa 01.06.05-30.11.08 biex b'hekk seta' jiskatta l-ftehim milhuq dwar ic-cessjoni tal-kreditu u l-konsegwenti tpacija mat-taxxa dovuta lid-Dipartiment;
- Una volta li d-denunzji tat-taxxa gew ipprocessati u l-ftehim relattiv ghall-hlas gie attwat, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ikkalkola l-penali amministrattivi minhabba dewmien u l-imghax skontu dovuti mis-socjetà XXX;
- Bhala fatt il-Kummissarju esiga minghand is-socjetà XXX il-hlas tas-somma ta' €1,210 rapprezentanti *late submission of return administrative penalties*, is-somma ta' €698.70 rapprezentanti *late registration administrative penalty* u s-somma ta' €934,027 bhala imghax;
- Is-socjetà XXX hallset dawn l-ammonti *under protest* u istiwiet proceduri quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fejn talbet li l-penali amministrattivi w imghax imposti fuqha u minnha imhallsa *under protest* jigu mahfura in kwantu: (a) hija dejjem agixxiet in buona fede u jekk zbaljat, zbaljat minhabba direzzjonijiet skorretti li nghatat mill-Gvern; (b) il-mod kif skattaw u gew kalkolati l-mizuri punittivi huwa inkompatibbli mal-Ligi komuniktarja; u (c) il-mod kif skattaw u gew kalkolati l-mizuri punittivi jikser id-drittijiet fundamentali taghha;
- It-talbiet tas-socjetà XXX però gew michuda mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud b'decizjoni moghtija fl-20 ta' Jannar 2011;

- Is-socjetà XXX appellat minn dik id-decizjoni quddiem il-Qorti ta' l-Appell, liema Qorti, b'sentenza fl-ismijiet "XXX noe v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" pronuncjata fl-24 ta' Frar 2012, laqghet l-appell tas-socjetà XXX, hassret u irrevokat id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kif ukoll id-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud notifikata lis-socjetà XXX b'ittra datata 7 ta' Awwissu 2010, u minflok ordnat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud sabiex jerga' jikkonsidra t-talba tas-socjetà XXX – jew ahjar ta' l-XXX noe – fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li ghamlet fis-sentenza Taghha;
- B'ittra ufficjali datata 23 ta' Marzu 2012, XXX interpellat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud sabiex a tenur ta' l-imsemmija sentenza jirrifondi lis-socjetà XXX is-somma komplessiva ta' €935,935.70 rapprezentanti penali amminsitrattivi fl-ammont ta' €1,908.70 u imghax fl-ammont ta' €934,027;
- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, b'ittra ufficjali responsiva datata 11 ta' April 2012, irrespinga t-talba ta' XXX noe *bhala infondata fil-fatt u fid-dritt … stante interpretazzjoni hazina tad-decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Appell nru. 47/11) ta' l-24 ta' Frar 2012, li bl-ebda mod ma iddecidiet li l-mittenti ghandu jirrifondi s-somma pretiza*;
- B'ittra ufficjali datata 23 ta' Novembru 2012, XXXmill-gdid interpellat lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) sabiex jaderixxi mad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell moghtija fl-24 ta' Frar 2012 u b'ittra datata 26 ta' Dicembru 2012, id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) gharraf XXX li il-penali amministrattivi fl-ammonti rispettivi ta' €1,210 u €698.70 kienu qed jigu ridotti ghall-penali nominali ta' €20, izda *regarding the €934,027 interest there is not provision in the VAT Act that confers discretion to the Commissioner of VAT to cancel, mitigate or reduce any interest due by virtue of article 21(4) of the same VAT Act. As a result, it is regretted that the Commissioner is in no position to accede to your request to cancel or reduce this interest.*

Esposti l-fatti li taw lok ghall-vertenza odjerna, it-Tribunal jibda biex josserva li kuntrarjament ghal dak pretiz mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), il-principji generali dwar l-istitut ta' l-imghax – ghaliex fl-ahhar mill-ahhar huwa l-imghax li jifforma l-pern tal-kwistjoni odjerna – japplikaw anke ghall-imghax dovut ghall-hlas tardiv tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud a tenur ta' l-Artikolu 21(4) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-rigward id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jissottometti li *fil-kaz in dizamina li jittratta dwar Ligi fiskali, il-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imghax m'ghandux funzjoni kompensatorja kif qieghda tallega l-appellanti, jghid x'jghid il-Bianca. Illi l-argument legali mressaq mill-appellanti rigward il-funzjoni kompensatorja ta' l-imghax li allegatament jefnasizza l-artikolu 1139 tal-Kodici Civili ma japplikax ghall-kaz in dizamina. Illi*

*jinghad bir-rispett illi hija massima legali antika illi lex specialis derogat generalis. Illi l-Kodici Civili, il-Kap.16, gie ppromulgat fl-1856 filwaqt illi l-Kap.406 tal-ligijiet nostrana gie ppromulgat fl-1998. Illi l-esponenti jsib konfort f'dak li qieghed jghid fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet* ***Clayton Communications versus il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud et****. Fis-sentenza surreferita l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ddecideit illi ir-referenza ghall-Kodici Civili li ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kinitx applikabbli stante illi quddiemha kellha kaz fejn si trattava ta' ligi specjali u kwindi d-dettami rigward l-ammont ta' imghax li kellu jithallas kien regolat minnha u mhux mill-Kodici Civili. .... Illi dak li ma tistax tifhem il-parti l-ohra huwa illi l-imghax ma jiskattax minhabba danni kkagunati minn nuqqas ta' cash meta r-return tkun due, l-imghax jiskatta minhabba l-late payment. Dan huwa principju baziku fil-kamp fiskali. Isegwi illi l-appellanti mhiex korretta meta argumentat illi: a. '... illi filwaqt illi l-penalitajiet amministrattivi huma ta' natura punittiva, l-imghax huwa ta' natura kompensatorja'. Illi mhiex korretta l-appellanti meta qalet illi l-policy tal-legislatur wara l-artikolu 21(4) tal-Kap.406 huwa li d-danni sofferti mill-erarju pubbliku b'rizultat tal-pagament tardiv tat-taxxa jigu kkompensati bil-hlas ta' l-imghax kif tistipola il-ligi. Illi rrizulta fil-kaz de quo illi l-crux tal-problema kien illi taxxa li suppost thallset f'gurnata partikolari fil-fatt dahlet zmien wara. Kif xehed il-Kummissarju, it-taxxa hija marbuta ma' due date tar-return. Kwindi 'if you pay after the due date tar-return, jidhol imbaghad l-artikolu 21(4)'. Illi l-imghax jiskatta ope legis gialadarba l-pagament tat-taxxa ma jsirx. Mistoqsi mit-Tribunal jekk kienux waslu fi ftehim mal-Litasco jekk l-imghax li seta' kien dovut jinhafirx, ix-xhud wiegeb li ma kienux ftehmu li l-imghax jinhafer u li fl-arrangamenti li kienu ghamlu l-imghax ma ffigura imkien. ... Illi ta' min jirrileva illi d-dicitura ta' dan is-subartikolu (4)* [ossia ta' l-Artikolu 21(4) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta] *hija wahda tassattiva u ma thalli l-ebda lok ghal interpretazzjoni. Illi peress illi l-policy wara tali aritkolu hija wahda ta' deterrent hawn non si tratta ta' danni, anke ta' dannu limitat kif qieghda issostni l-appellanti. Kwindi l-argumenti dwar danni u dannu limitat ghandhom jigu skartati minn dan l-Onorabbli Tribunal stante li ma japplikawx fil-ligi fiskali nostrali*[9].

It-Tribunal ma jaqbilx ghal kollox ma' dak sottomess mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u dana billi filwaqt li jirrikonoxxi li r-rata ta' l-imghax imposta f'kuntest ta' ligijiet fiskali ghandha tkun dik specifikatament stipulata fil-Ligi fiskali relattiva, fil-kaz in ezami l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Legislazzjoni Sussidjarja relattiva, u mhux ir-rata generali nascenti mill-Kodici CIvili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-iskop u l-ghan tal-hlas ta' l-imghax hija l-istess kemm f'kuntest fiskali kif ukoll f'kuntest civili u/jew kummercjali 'normali'. Li l-iskop u ghan wara l-hlas ta' imghax huwa wiehed uniku w applikabbli f'kull kuntest jirrizulta mill-istess sentenza

[9] Para. (iii) sa' (xi) tan-Nota Responsiva tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), fol. 143 u 144 tal-process.

**Clayton Communications Company Limited v. L-Onorevoli Prim' Ministru et, Appell Nru. 55/08** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Jannar 2010, li ghaliha jaghmel referenza d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).

Fl-imsemmija sentenza l-Qorti Kostituzzjonali kkunsidrat u osservat illi: *fit-tieni aggravju, li jirrigwarda d-dritt ta' access ghal Qorti, l-appellanti jissottomettu li dan id-dritt mhux wiehed assolut izda jista' jkun suggett ghal limitazzjonijiet, ghalkemm dejjem ghandu jinzamm proporzjonalità b'tali mod li d-dritt ta' access jiqba' rispettat. L-appellanti jsostnu li s-socjetà rikorrenti ma kellha ebda restrizzjoni finanzjarja biex tipprezenta l-appell taghha u filwaqt li huwa minnu li l-interessi jibqghu ghaddejjin però jekk jirrizulta li l-ammont reklamat mhux dovut allura japplika l-Artikolu 24(3)(4) tal-Kap. 406.* ***Ikomplu jghidu li l-interessi huma imposti biex it-taxpayer jezercita d-dritt tal-appell b'responsabilità u jekk ma jirrizultax li l-ilment tieghu kien fondat allura jkun gust li jithallsu l-interessi ghax ikun ifisser li dawk il-flus messhom kienu ilhom f'idejn l-erarju. Minn dan isegwi li l-qliegh li jkun ghamel it-taxpayer mill-flus li suppost thallsu lill-Kummissarju jaghmel tajjeb ghalih l-imghax impost[10].*** *Ghalhekk, skond l-appellanti, f'dan il-kaz il-principju ta' proprozjonalità gie rispettat.* B'interess jigi osservat li fl-imsemmija proceduri "Clayton Communications Limited v. Onor. Prim' Ministru et", il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-VAlur Mizjud, kuntrarjament ghal dak li qed jaghmel fil-proceduri odjerni, jirrikonoxxi n-natura kompensatorja ta' l-imghax impost ai termini ta' l-Artikolu 21(4) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti Kostituzzjonali osservat ulterjorment illi *min-naha l-ohra s-socjetà appellata ssostni li l-interessi "uzurai" jiksru l-valur tal-proporzjonalità u jcahduha mill-access ghal Qorti billi l-imghax ta' 12% fis-sena hu sproporzjonat u intimidanti. Tant hu hekk li l-Gvern stess induna u bidel ir-regim tat-taxxa bl-Att II tal-2009, ghalkemm dan ma ghamlux applikabbli retrospettivament. Inoltre, tkompli tghid is-socjetà appellata, wiehed irid jiftakar li f'dawn il-kazijiet l-imghax jiddekorri kemm fuq is-sorte kif ukoll fuq il-penali amministrattiva imposta. Meta l-Kummissarju jhallas lura bl-imghax, jekk jinstab li t-taxpayer kellu ragun (ara Artikolu 24(3) tal-Kap. 406) effettivament it-taxpayer ikun qed jithallas bil-7.8% u mhux bit-12% billi il-hlas li jircievi lura jitqies bhala income u jerga' jigi intaxxat. Issa, l-ewwel Qorti ddecidiet li ma kienx hemm ksur tal-jedd ghal smigh xieraq fir-rigward taz-zmien li ttiehed biex l-appell jigi appuntat. Minn din id-decizjoni ma kienx hemm appell la min-naha tal-appellanti u lanqas min-naha tas-socjetà rikorrenti. L-ewwel Qorti ddecidiet ukoll li l-fatt li l-imghaxijiet jibqghu ghaddejin sakemm il-kawza tinstema' u tinqata' ma kienx bilfors ksur tal-jedd ghal access ghal Qorti billi debitur ikollu l-flus f'idejh li jkun qed*

[10] Enfasi tat-Tribunal.

*igawdi u juza u jaqla' minnhom. Fuq dan il-principju ma hemmx kontestazzjoni. Izda f'dan il-kaz l-ewwel Qorti sabet li kien hemm lezjoni ghad-dritt ta' access ghal Qorti bl-imposizzjoni ta' imghax bir-rata li jrid l-Artikolu 21(4) tal-Kap. 406, cioè imghax bil-1% fix-xahar jew 12% fis-sena. Dan ghaliex: 1. Din ir-rata ta' imghax hija ghola minn dik li tithallas fuq djun bejn privati, u* ***ghalhekk ghandha elementi mhux biss kompensatorji izda punitivi wkoll***[11]*; u 2. ghax f'kawza bhal dik quddiem il-Bord, huwa organu tal-istat – il-Kummissarju – li jgawdi minn dak li jaghmel, jew jonqos li jaghmel, organu iehor tal-istat – il-Bord.* ***Din il-Qorti, bir-rispett dovut, <u>ma taqbilx ma' l-ahhar raguni li tat l-ewwel Qorti</u> billi kienet l-istess Qorti li iddecidiet li ma kienx hemm dewmien irragjonevoli fl-appuntament ta' l-appell, li ha ftit aktar minn sentejn, u allura l-Kummissarju ma hu ser igawdi xejn, billi ma kien hemm ebda nuqqas mill-organu l-iehor tal-Istat***[12]*. Ir-ragunijiet l-ohra li wasslu lill-ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha kienu li: • Ma huwiex ragjonevoli u proporzjonat illi dan il-hlas – l-imghax – ikun ghola minn dak li jithallas fi djun bejn cittadini privati. • Dan l-imghax b'rata ghola milli misthoqq jista' jkollu l-effett li potenzjalment ikabbar id-dejn hekk li effettivament s-socjetà rikorrenti ma jkollhiex ghazla hlief li ccedi l-appell biex ma tihux ir-riskju ta' falliment finanzjarju. Jidher li l-partijiet qed jaqblu dwar it-tifsira ta' dritt ta' access ghal Qorti u li jista' jkun hemm restrizzjonijiet ghal dan id-dritt, li mhux wiehed assolut. Li mhux qed jaqblu huwa jekk fil-fatt, fil-kaz in ezami u ghalhekk in konkret, gewx imposti bil-ligi restrizzjonijiet fuq is-socjetà rikorrenti b'mod li jaqghtula qalbha milli tkompli bl-appell minhabba biza' ta' falliment finanzjarju. ... L-ewwel ezami li trid taghmel il-Qorti huwa jekk il-ligi kontestata saritx ghal skop legittimu. Kif ighidu l-awturi, huma kazijiet rari fejn issib lezjoni taht dan it-test billi l-mizura bhala regola tkun bazata fuq il-ligi.* ***F'dan il-kaz l-iskop li ghalih gie impost l-imghax pendenti l-appell kien biex it-taxpayer jezercita d-dritt ta' appell b'responsabilità u jekk jirrizulta li l-ilment tieghu ma kienx fondat ikollu jhallas l-imghax ghax ikun ifisser li dawk il-flus messhom kienu f'idejn l-erarju qabel***[13]*. It-test l-iehor li jrid jigi applikat huwa jekk kienx hemm restrizzjonijiet fid-dritt ta' appell tas-socjetà rikorrenti tali li jammonta ghal impairment of the essence of the right b'mod li s-socjetà rikorrenti imbaghad spiccat, jew x'aktarx li tispicca, minghajr id-dritt ta' access ghal Qorti. Bil-ligi, wahda mill-funzjonijiet tal-Istat, hija li jigbor it-taxxi. Il-Qrati ma jissindakawx, bhala regola, dwar l-imposizzjoni ta' taxxi u li mod kif dawn jigu ezatti mic-cittadin, sakemm dawn huma regolati bil-ligi. Anke il-Konvenzjoni Ewropeja tirrikonoxxi dan id-dritt tal-istat to secure the payment of taxes or other contributions or penalties, u f'dan ir-rigward l-istat igawdi a wide margin of appreciation.* ***Ghalhekk l-istat ma jistax jigi komparat ma' l-individwu privat u ma' kif l-individwu jigbor id-djun tieghu jew l-***

[11] Enfasi tat-Tribunal.
[12] Enfasi u sottolinear tat-Tribunal.
[13] Enfasi tat-Tribunal.

***imghax li huwa jista' jitlob. Ghalkemm l-Artikolu 1852 tal-Kodici Civili jipprojbixxi fil-kaz ta' individwi privati imghax li jaqbez it-tmienja fil-mija, fl-istess Kodici hemm disposizzjonijiet ohra li jippermettu imghax ghola minn dik ir-rata (ara Artkolu 1855A tal-Kap. 16). Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk il-fatt li giet imposta rata ghola minn dik ta' 8% per se mhiex intimidatorja jew projbittiva b'mod li, f'dan il-kaz, ittellef necessarjament jew awtomatikament id-dritt ta' access lis-socjetà rikorrenti. Il-Qorti trid tara kull kaz fil-fattispecie tieghu u kif dik it-taxxa taffettwa lil dak it-taxpayer[14].***

Mill-konsiderazzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali hawn appena citati jirrizulta b'mod car li filwaqt li dik il-Qorti ma qablitx ma' l-osservazzjonijiet tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede) Kostituzzjonali dwar l-allegata natura intimidatorja tar-rata ta' imghax imposta fil-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Legislazzjoni Sussidjarja relattiva, (kwistjoni li in verità ma ticcentra xejn fil-kaz in ezami), irrikonoxxiet – kif del resto, jigi ribdait, irrikonoxxa anke l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud – in-natura kompensatorja ta' l-imghax hekk impost a tenur ta' l-Artikolu 21(4) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fis-sustanza l-Artikolu 21(4) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *jkun dovut imghax fuq kull taxxa li ma tithallasx sad-data li fiha jkollha tithallas b'rata li l-Ministru ghandu, minn zmien ghal zmien, jippreskrivi b'regolamenti ghal kull xahar jew parti minnu li l-imsemmija taxxa tibqa' ma tithallasx jew b'kull rata ohra hekk kif jista' jigi preskritt.* Huwa evidenti mid-dicitura ta' dan il-provvediment tal-Ligi li l-imghax jigi impost ghall-hlas tardiv tat-taxxa, liema kuncett allura, fil-fehma tat-Tribunal, jinkwadra ferm fil-principji generali nascenti mill-Artikoli 1139 u 1140 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia li *fejn l-obbligazzjoni jkollha* ***biss*** *bhala oggett il-hlas ta' somma flus determinata,* ***id-danni li jigu mid-dewmien ta' l-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq l-imsemmija somma*** [mahduma bir-rata skond il-Ligi partikolari li tirregola dak il-hlas] ***li jkunu dovuti bla ma jkun hemm ghalfejn li l-kreditur jipprova li bata xi telf minhabba d-dewmien***[15].

Minn dan il-provvediment tal-Ligi jirrizulta b'mod car li ghad li l-imghax ghandu natura kompensatorja, il-kreditur, kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrenti noe, ma ghandu bzonn jipprova li bata l-ebda telf minhabba d-dewmien fil-hlas. Fid-dawl ta' dan il-principju ghalhekk jispetta lid-debitur, ir-Rikorrenti noe jew ahjar is-socjetà XXX fil-kaz in ezami, li tipprova b'mod sodisfacenti li hemm ragunijiet sufficjenti li ghandhom iwasslu ghall-mahfra

---

[14] Enfasi tat-Tribunal.
[15] John Muscat et v. Maggur Louis Radmilli et, Citaz. Nru. 1331/01 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 2002. Enfasi tat-Tribunal.

u/jew mitigazzjoni ta' l-imghax li jkun iddekorra fuq it-taxxa dovuta u eventwalment imhallsa.

B'mod generali, *il-hsara li tikkonsisti f'illi ttellef lil persuna l-uzu tal-flus taghha, tissewwa bil-hlas ta' l-imghaxijiet* – Artikolu 1047 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Hekk kif jirrizulta mill-Artikoli 1031 sa' 1033 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kuntest ta' hsara/dannu, japplikaw is-segwenti principji: (i) *kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri* ***bi htija tieghu***; (ii) *jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu* ***ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja****;* (iii) *hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar;* u (iv) *kull min, bil-hsieb* ***jew minghajr il-hsieb li jaghmel deni****, ghax ikun irid* ***jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk***[16].

Fid-dawl ta' tali principji, una volta li fil-kaz in ezami jinsab stabbilit u ikkonfermat anke mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza "XXX noe v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-VAlur Mizjud" li l-kwistjoni dwar l-esigibilità tal-hlas ta' taxxa fuq il-valur mizjud fuq il-provvisti jew ta' l-inqas fuq uhud mill-provvisti ta' JET A-1 *fuel* mis-socjetà Listasco S.A. lill-Enemalta kienet wahda komplessa ferm, ir-Rikorrenti noe tista' tiskaguna lis-socjetà XXX mill-imposizzjoni ta' l-imghax, jew ta' l-inqas ta' parti minnu, kemm-il darba jsehhilha tipprova li l-imsemmija socjetà ma agixxietx b'nuqqas ta' prudenza jew b'nuqqas ta' diligenza jew b'nuqqas ta' hsieb.

Ir-Rikorrenti noe bhala fatt tenfasizza u tishaqq li s-socjetà XXX ma aggixxietx b'negligenza jew bi frodi izda t-tardività fil-hlas tat-taxxa kienet *in primis* rizultat ta' zball u sussidjarjament rizultat tar-recitenza ta' l-Enemalta li tirregolarizza l-posizzjoni minhabba diffikultajiet ta' *cash flow*. Filwaqt li t-Tribunal jaqbel li ma kien hemm l-ebda *mala fede* da parte tas-socjetà XXX, huwa tal-fehma li l-istess socjetà aggixxiet – ghall-inqas in parte – b'nuqqas ta' prudenza, diligenza u hsieb. Dan il-fatt gie riskontrat u ikkonfermat anke mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza "XXX noe v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", fatt dan ghal kollox injorat mir-Rikorrenti noe, fejn dik il-Qorti osservat illi: *trattat il-meritu ta' l-appell, din il-Qorti tara li s-socjetà estera naqset meta ma talbitx il-parir opportun* <u>*lill-konsulenti taghha*</u> *dwar kellhiex jew le thallas VAT. Id-direzzjoni kellha titlobha mhux mill-Enemalta u lanqas mid-dipartiment tal-VAT, izda mill-konsulenti legali u/jew finanzjarji taghha. Meta din is-socjetà baqghet minghajr risposta dwar jekk kellhiex titlob hlas tal-VAT, ma kellhiex toqghod fuq l-indikazzjoni li tatha l-Enemalta, però, kellha tivverifika s-sitwazzjoni mal-konsulenti taghha. Debitur ma jistax jahrab mill-obbligazzjoni billi jghid li l-kreditur ma qallux*

[16] Enfasi tat-Tribunal.

*li ghandu jhallas jew li xi hadd, li ma jirrapprezentax lill-kreditur, indikalu li ma kellux ihallas. Kull debitur irid jara hu x'inhi l-posizzjoni tieghu, u wara li jiehu l-pariri opportuni, jirregola s-sitwazzjoni tieghu. X'setghet indikat l-Enemalta f'dan il-kaz mhux rilevanti, peress li din ma tirrapprezentax lill-fisku. Jista' jkun li il-Korporazzjoni Enemalta hija kontrollata mill-Gvern, però, la hi dipartiment governattiv u lanqas ma tirrapprezenta lill-Gvern fejn jidhlu kwistjonijiet ta' taxxa. Persuna trid tiehu responsabbilità ghall-agir taghha u ma tistax tistrih fuq parir ta' terz biex tiggustifika dak li ghamlet. La darba l-kreditur innifsu ma rrinunzjax ghall-kreditu, pagament tard mid-debitur jista' jaghti lok ghall-konsegwenzi finanzjarji gravi, però, dan imputet sibi.*

Minn dak osservat u kkunsidrat mill-Qorti ta' l-Appell ir-Rikorrenti noe difficilment tista' tikkontendi li s-socjetà XXX agixxiet b'mod prudenti, b'mod diligenti u bi hsieb. Detto ciò però t-Tribunal ma jistax jonqos milli jinnota li d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ma kienx wisq ta' ghajnuna biex is-siwazzjoni li kienet fiha s-socjetà XXX, anzi s-sitwazzjoni li kienu fiha kemm is-socjetà XXX u l-Enemalta, tigi risolta tempestivament u dana minkejja l-fatt li kemm is-socjetà imsemmija kif ukoll l-Enemalta talbuh direzzjoni. Dan il-fatt gie riskontrat anke mill-Qorti ta' l-Appell li fis-sentenza "XXX noe v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" osservat illi *s-socjetà estera ghamlet zball, però, ma agixxietx in mala fede, u stante c-cirkostanzi li si tratta minn socjetà estera li kienet qed tinnegozja ma' entità ikkontrollata mill-Gvern, li l-materja dwar hlas o meno tal-VAT fil-kaz in ezami hija wahda kumplessa, u li d-dipartiment innifsu gie mitlub direzzjoni u ma tahx, din il-Qorti jidhrilha li l-Kummissarju kellu, ragjonevolment, juza d-diskrezzjoni tieghu u ma jinsistix fuq it-teknikalità tal-kaz b'mod daqshekk rigidu.*

Il-funzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi, jew ahjar fiz-zmien rilevanti tal-kaz in ezami, tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u in segwitu tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), ma hijiex biss li ghan-nom tal-Gvern jigbor it-taxxa qual' volta dovuta fuq bejgh jew prestazzjoni ta' servizz minn persuna ghall-ohra izda, ghandu wkoll id-dover, anzi fil-fehma tat-Tribunal l-obbligu, li jaghti dawk direzzjonijiet mehtiega ghall-interpretazzjoni u applikazzjoni korretta tal-provvedimenti ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, iktar u iktar meta tali direzzjoni tintalab f'kazijiet komplessi bhalma kien dak odjern.

Ladarba l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud intalab direzzjoni kemm mis-socjetà XXX kif ukoll mill-Enemalta izda ma rrizulta li ta ebda forma ta' direzzjoni jew intervjena fil-kwistjoni biex jipprova jghin lis-socjetà XXX u lill-Enemalta jsolvu l-*impasse* ta' bejniethom, il-Kummissarju ma jistax illum jippretendi li huwa gustifikat fl-imposizzjoni ta' l-imghax ghat-tul ta' zmien kollu li damet is-socjetà imsemmija biex tissottometti d-denunzji tat-taxxa taghha, partikolarment billi l-kwistjoni effettivament twalet iktar mid-dovut proprio ghaliex huwa naqas milli jintervjeni u jaghti interpretazzjoni

definittiva lill-Enemalta li effettivament kienet il-parti li kienet qed toggezzjona l-iktar ghall-imposizzjoni tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq uhud mill-provvisti ta' JET-A1 *fuel* lilha maghmula mis-socjetà XXX

Fil-fehma tat-Tribunal l-imghax li ghandu legittimament jigi impost fuq is-socjetà XXX huwa dak dekoribbli u b'hekk kalkolat **mid-data meta kellhom jigu sottomessi d-denunzji tat-taxxa in kwistjoni sas-7 ta' Lulju 2009,** li hija d-data meta issa l-Enemalta stess talbet direzzjoni lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud dwar jekk, fir-rigward ta' uhud mill-provvisti partikolar, kellhiex tkun assoggettata ghall-hlas ta' taxxa fuq il-valur mizjud o meno. Minkejja din l-e-mail u t-tentattivi ta' l-Enemalta biex ikollha risposta, kien biss f'April ta' l-2010 – ossia diversi xhur wara – li finalment intalhaq ftehim accettabbli ghal kulhadd u b'hekk il-kwistjoni setghet tigi risolta. Fil-fehma tat-Tribunal id-dewmien bejn Lulju 2009 u April 2010, **sia biex jigu sottometti d-denunzji tat-taxxa kif ukoll biex jigi effettwat il-pagament tat-taxxa dovuta**, huwa rizultat dirett tan-nuqqas ta' intervent da parte tal-Kummissarju u konsegwentement ghalhekk ma ghandhiex tbaghti l-konsegwenzi s-socjetà XXX

Fil-mori ta' dawn il-proceduri r-Rikorrenti noe ressqet provi in bazi ghal liema tikkontendi li bhala fatt u kuntrarjament ghal dak pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi, ebda taxxa fuq il-valur mizjud ma kellha tigi imposta fuq il-provvisti, jew uhud mill-provvisti ta' *fuel* maghmula minnha lill-Enemalta. Dawn il-provi essenzjalment jikkonsistu f'zewg ittri, wahda indirizzata lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 1 ta' Novembru 2011[17], u l-ohra r-risposta da parte tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 17 ta' Novembru 2011[18], u in bazi ghall-kontenut ta' l-istess tikkontendi li *waqt dawn il-proceduri gew ppruvati certu fatti godda li ma kienux a disposizzjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell biex tasal ghad-decizjoni taghha. L-esponenti nomine tissottometti li dawn il-fatti huma rilevanti u ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni minn dan it-Tribunal meta jigi biex jiddeciedi dwar il-quantum ta' l-imghaxijiet li ghandhom jigu rifuzi lis-socjetà esponenti. Dawn il-fatti huma s-segwenti: Il-provvisti li ghamlet il-Litasco li huma mertu ta' dan il-kaz, u cioè il-JET A1 Fuel saru tramite 'In-Tank Transfers' gewwa excise warehouse, iktar precizament Has-Saptan; L-Enemalta fil-fatt ghandha licenzja ta' tax warehouse keeper mahruga ai termini ta' l-Att dwar Dazju tas-Sisa; Fl-2011 il-kumpannija esponenti infurmat lil Ernst & Young li klijent taghhom, Falzon Group, infurmhom li l-Kummissarju kien ha pozizzjoni li VAT ma kellhiex tithallas fuq certi provisti li jsiru tramite In-Tank Transsfer f'excise warehouses; Ernst & Young kitbu lill-Kummissarju sabiex jiccekkjaw jekk dan kienx fil-fatt il-kaz, in vista wkoll tal-fatt li Ernst & Young kienu jafu li l-kumpannija esponenti kellha kwistjoni fuq provisti identici, mertu ta' dawn il-proceduri; Il-Kummissarju fis-17 ta' Novembru 2011 wiegeb billi kkonferma li VAT ma kellhiex tithallas fuq dawn*

[17] Dok. "CJN01" a fol. 57 u 58 tal-process.
[18] Dok. "CJN02" a fol. 59 tal-process.

*il-provvisti u li din il-posizzjoni kienet ittiehdet mit-8 ta' Awwissu 2011; Frank Borg ghal Kummissarju kkonferma li din il-pozizzjoni mehuda mill-Kummissarju kienet wahda amminsitrattiva fis-sens illi ma kienitx ittiehdet wara xi tibdil fil-ligi; Dan it-tibdil fl-interpretazzjoni (minghajr bdil fil-Ligi) jkompli jissottolinja l-fatt li l-pagament o meno ta' VAT f'dawn ic-cirkostanzi qatt ma kienet wahda cara u li effettivament allura bil-pronunzjament tieghu l-Kummissarju hareg b'interpretazzjoni tal-ligi applikabbli. Il-Kummissarju m'ghandux il-fakultà jiddeciedi meta t-taxxa hija pagabbli u meta ma hijiex, izda jista' u fil-fatt huwa mitlub li jinterpreta u japplika l-ligi tal-VAT. Allura l-imghaxijiet mertu ta' dawn il-proceduri gew imposti minhabba dak li skond il-Kummissarju huwa pagament tardiv tat-taxxa u dan meta l-Kummissarju, unilateralment u minghajr ebda bdil fil-Ligi, iddecieda minn Awwissu 2011 l-interpretazzjoni tieghu hi li f'cirkostanzi identici ghal dawk tal-kaz de quo taxxa fuq il-valur mizjud ma kellhiex tithallas u ghalhekk isegwi li l-imghaxijiet qatt ma setaw jiskattaw jew, f'kull kaz, qatt ma misshom gew imposti. Fl-ittra tar-rifjut, il-Kummissarju lanqas biss jittratta dan il-punt meta huwa kien ben konsapevoli ta' dan il-bdil fil-posizzjoni tieghu stess. Anzi jiddeciedi li jevitah billi jghid li m'ghandux diskrezzjoni jnaqqas l-imghax u jieqaf hemm. Hija s-sottomissjoni ta' l-esponenti nomine illi dan it-Tribunal ghandu jiehu dan it-tibdil ta' interpretazzjoni in konsiderazzjoni meta jiddeciedi dwar ir-refuzjoni ta' l-imghaxijiet. Bdil fl-interpretazzjoni ta' ligi (minghajr ebda bidla fil-Ligi stess) ifisser li semmai l-ligi dejjem kellha tigi interpretata b'dan il-mod u huwa zball grossolan li l-Kummissarju jghid li din il-bidla hija effettiva minn gurnata partikolari. Bdil f'interpretazzjoni ta' ligi ezistenti hija min-natura taghha retroattiva fl-effett taghha ghaliex interpretazzjoni gdida tfisser li qabel il-Ligi kienet qed tigi interpretata hazin. F'din il-perspettiva, il-Kummissarju fil-fatt impona imghax ta' kwazi €1,000,000 ghal pagament ta' VAT li, skont hu, qatt ma kien dovut. Dan hu, bir-rispett, assurd. Mela fejn jaqbillu u biex inehhi piz minn fuq id-dipartiment il-Kummissarju jiehu interpretazzjoni li VAT mhux pagabbli u fl-istess nifs jimponi u jkompli jinsisti fuq imghaxijiet ta' kwazi miljun Ewro ghal pagament tardiv ta' VAT li fil-fatt skond l-interpretazzjoni teighu stess ma kienitx dovuta.*

Frankament it-Tribunal jinsab kemm xejn perpless bil-mod kif ir-Rikorrenti noe trattat u avvanzat din il-kwistjoni partikolari. Jibda biex jinghad li ghalkemm kellha risposta ghall-kweziti taghha minghand il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fis-17 ta' Novembru 2011, ossia fil-mori ta' l-appell "XXX noe v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", ghal xi raguni dawn il-fatti ma jidhirx li ngabu a konjizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell anzi fis-sottomissjonijiet taghha quddiem dan it-Tribunal ir-Rikorrenti noe taghti *ad intendere* li dawn il-fatti rrizultaw wara li l-imsemmi appell gie deciz. Fattur iehor li serjament jimpingi fuq il-veracità u legittimità ta' dak affermat u konsegwentement pretiz mir-Rikorrenti noe huwa l-fatt li hija ma attakkatx b'mod formali – ossia bid-debita proceduri – l-interpretazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud dwar l-imposizzjoni ta' taxxa fuq uhud mill-provvisti ta' *fuel* minnha maghmula lill-Enemalta, biex b'hekk il-

posizzjoni legali, guridika u fiskali taghhom tigi ghall-i*status quo ante*. Ghalkemm huwa veru li fil-prattika s-socjetà XXX ma hallsitx taxxa minhabba l-esekuzzjoni tal-ftehim ta' cessjoni ta' kreditu ma' l-Enemalta, fatto sta li hemm ftehim u sitwazzjoni guridika shiha bbazati fuq il-premessa li t-taxxa kienet effettivament dovuta. Jekk tali taxxa ma kenitx dovuta wiehed jistenna li jkun hemm azzjoni biex is-sitwazzjoni **kollha** u mhux biss parti minnha tigi reintegrata. Fin-nuqqas ta' xoljiment tal-ftehim in bazi ghal liema 'thallset' it-taxxa dovuta lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, it-Tribunal jistaqsi: kif tista' r-Rikorrenti noe tippretendi li din l-allegata interpretazzjoni gdida tal-Kummissarju ghandha b'xi mod teffettwa l-imghax impost fuqha?

Trattati dawn il-kwistjonijiet it-Tribunal iqis li issa ghandu jittratta l-pretensjoni kostanti tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), illum Kummissarju tat-Taxxi, li huwa ma ghandux id-diskrezzjoni li jahfer *in toto* jew *in parte* imghax qual' volta impost fuq *taxpayer*, stante li tali mahfra tista' ssir biss mill-Ministru responsabbli ghall-Finanzi.

Filwaqt li huwa minnu li a tenur tat-tieni *proviso* ta' l-Artikolu 21(4) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta huwa l-Ministru responsabbli ghall-Finanzi li jista', permezz ta' Regolamenti, jippreskrivi l-kondizzjonijiet ghall-mahfra ta' imghax impost fuq *taxpayer*, it-Tribunal ma jistax jonqos milli jikkritika l-mod superficjali kif il-Kummissarju ttratta l-kwistjoni in ezami. It-Tribunal ma jistax jifhem ghaliex il-Kummissarju, jekk verament iqis li huwa l-Ministru responsabbli ghall-Finanzi li jista' jiehu decizjonijiet dwar it-tnaqqis jew mahfra ta' imghax impost fuq *taxpayer*, ma rrikorriex ghal direzzjoni da parte tal-Ministru izda arbitrarjament ghazel it-triq l-iktar semplici u sommarjament irrifjuta t-talba tar-Rikorrenti noe ghaliex mhux di kompetenza tieghu.

It-Tribunal iqis li l-Kummissarju kellu d-dmir li jaghmel iktar minn hekk u kien minhabba f'hekk ukoll illi r-Rikorrenti noe kellha tirrikorri ghand dan it-Tribunal biex tipprova tottjeni smigh xieraq tal-lanjanzi taghha fir-rigward ta' l-imghax imposta fuqha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Kif rikonoxxut anke mill-Qorti ta' l-Appell f'numru ta' sentenzi moghtija minnha fl-ambitu ta' proceduri fiskali, dan it-Tribunal (jew il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud qablu) ghandu s-setgha li, tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, japplika temperament ta' jew addirittura jahfer l-imghaxijiet imposti fuq it-*taxpayer*. Din l-osservazzjoni ssib konferma fis-sentenza pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **A.B. Ltd. v. Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa**, deciza fit-28 ta' April 2004[19].

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jikkontendi li tali osservazzjoni fir-rigward tat-temperament ta' jew addirittura mahfra ta' l-

[19] Decisions of the Court of Appeal, Kawza Nru. 91 pg 284.

imghaxijiet tista' tapplika biss fil-kuntest ta' stima mahruga mill-Kummissarju vis-a-vis *taxpayer* u mhux ukoll f'sitwazzjoni fejn it-*taxpayer* jigi rinfaccjat biss bit-talba ghall-hlas ta' l-imghax. Fil-fehma tat-Tribunal tali sottomissjoni hija kompletament diskriminatorja ghaliex jekk wiehed jaghti widen ghal dak li jsostni l-Kummissarju jkun ifisser li *taxpayer* rinfaccjat b'talba ghall-hlas ta' l-imghax mhux fil-kuntest ta' stima ma jista' qatt jikkontesta tali imghax hekk impost fuqu. Apparte li hija pretensjoni diskriminatorja hija wkoll pretensjoni ghal kollox bla fundament guridiku partikolarment meta wiehed iqis li *taxpayer* ghandu, ai termini tal-Ligi, id-dritt li jirreferi lit-Tribunal kwistjoni u/jew kontroversja li jkollu mal-Kummissarju tat-Taxxi ghall-fini li din tigi risolta[20].

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li t-talbiet tar-Rikorrenti noe huma in parte gustifikati ghar-raguni li l-imghax impost fuq is-socjetà XXX mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) seta' jigi minnu hekk legittimatament impost biss **mid-data meta d-denunzji tat-taxxa in kwistjoni kellhom jigu sottomessi sas-7 ta' Lulju 2009**, ossia sa' dakinhar li l-Enemalta wkoll talbet direzzjoni minghand il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud dwar il-kwistjoni li kellha mas-socjetà XXX, u mhux sad-data sakemm gie effettivament sehh il-hlas.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tar-Rikorrenti noe fis-sens illi d-decizjonijiet tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) limitatament ghall-imghax jigu revokati u minflok ghandu jkun hemm **refuzjoni ta' l-imghax li gie kkalkolat ghall-perijodu mit-8 ta' Lulju 2009 sad-data tal-hlas tat-taxxa dovuta fuq il-provvisti in kwistjoni**. L-imghax legali fuq ir-refuzjoni ta' tali imghax ghandu jigi kalkolat mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet kontendenti.

Kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi komunikata lir-Rikorrenti noe u lill-Kummissarju tat-Taxxi.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

---

[20] Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta – fil-kaz in ezami s-subartikolu (j) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi.